**21 ta' Frar, 1964**

**Imhallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**

**Onor. T. Gouder, LL.D.,**

**Onor. A. V. Camilleri, B.Litt, LL.D.**

Carlo Farrugia

*versus*

Luigi Muscat ne.

**Bord tal-Kera — Emigrant Nies tal Familja Tieghu**

*Min jemigra ghall-Awstralja ghandu jigi presunt li mar biex joqghod permanentement jew ghal zmien twil, u mhux presumibbili li izomm post, hawn Malta biex imur joqghod fih jekk jigi lura.*

*Iżda ma jistgħax jiġi ritenut li l-emigrant li jitlaq minn Malta u jħalli fid-dar nies tal-familja li kienu minn żmien qabel joqgħodu miegħu, ikun abbanduna l-kera ta' dik id-dar, jew ikun tilef id-dritt li jibqa kommu b'kera biex fiha jkomplu jgħammru dawk in-nies tal-familja li kienu joqgħodu miegħu.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrent magħmula quddiem il-Bord tal-kera biex jieħu lura l-fond 16 Trieq San Piju V Rabat mikri lil Vincenzo Muscat, billi għandu bżonn dan il-fond għalih u offra lill-intimat bħala alternative accommodation il-fond numru 4 Sqaq numru tnejn, College Street, Rabat.

Rat r-risposta tal-intimat.

Rat is-sentenza tal-Bord tal-kera tas-sebea (7) ta' Jannar, 1964 li minnha jidher li t-talba tar-rikorrenti ġiet miċħuda; bl-ispejjeż wara li kkunsidra:—

*Omissis*

Rat ir-rikors ta' Carlo Farrugia tal-erbatax (14) ta' Jannar, 1964, minn fejn jidher li r-rikorrent talab li s-sentenza fuq imsemmija tal-Bord tal-kera tiġi revokata u minflok it-talba tiegħu tiġi milqugħa bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi għall-intimat appellat.

Trattat l-appell:—

Mill-provi jirriżulta li l-intimat, li joqgħod f'post ta' proprjeta tar-rikorrenti, li qiegħed jitlob li jieħdu għall-użu tiegħu, qabel ma mar bħala emigrant l-Awstralia ma martu u tifel ta' erbatax il-sena biex jara t-tfal li kienu qablu marru emigrati hemm, kien mar għand ir-rikkorrent u

martu, li allura kienet għada ħajja, u kien qallhom li huwa kien sejjer l-Awstralia għall-perijodu qasir li huwa semmilhom biex imur jara l-uliedu dak li r-rikkorenti ammetta meta xehed f'dina l-proċedura kif ukoll ammetta mal-mandatarju tal-intimat li huwa tifel ieħor tal-istess familja ta' l-intimat, li baqa Malta jgħix fl-istess fond reklamat fejn kien joqgħod meta missieru kien hawn Malta l-għaliex baqa ġuvni u qatt ma' ħareġ mill-ħdan tal-familja. Dana l-fatt kien di per se prima facie juri li l-intimat kellu *l-intenzzjoni li ma jabbandunx r-residenza tiegħu* permanentement u r-rikorrenti ma wrieh ebda oġġezzjoni għal dak li kien sejjer jgħamel u partikolarment dwar ir-rapport lokatizzju li kien jeżisti bejniethom. Huwa minnu li meta l-intimat mar l-Awstralia qagħad għal perijodu itwal *minn dak li huwa kien* semmgħa li sejjer joqgħod barra minn Malta kif ukoll li huwa qabad jaħdem fil-pajjiż fejn kien mar imma dana l-fatt irid jiġi kkunsidrat fid-dawl li, peress li l-intimat kien te'aq minn dawn il-Gżejjer b' "assisted passage" il-ħsieb tar-ritorn jekk ippermana fih ta' bil fors kellu jkun prolungat imħabba l-konsegwenzi *finanzjarji li kien jimporta għalieh ir-ritorn prematur* tiegħu in vista ta' daka l-istess passaġġ kif huwa risaput minn kulħadd, imma dana l-fatt ta' ċerta durata fl-Awstralia taħt dawk il-kondizzjonijiet ma jħassarx l-animu tar-ritorn, jekk l-istess huwa ġenwin kif prima faċie *jistgħu juru* l-ittri miktuba mi'l-intimat lill-ibnu, li baqa jħix fl-istess dar, fis-sens li huwa baqa bil-ħsieb li jirritorna mal-mara u ibnu ta' 14 il-sena hawn Malta biex joqgħod fl-istess residenza. Huwa minnu li dawn l-aħħar ittri weħedhom jistgħu jkunu suspetti ta' prova prekostitwita in kwantu ġew miktuba meta l-intimat kien jaf bil-presenti proċedura imma daka s-sospett — apparti l-fatt li sospetti ma jikkostitwix ebda prova — jitlef ħafna mill-għeruq tiegħu meta jiġu viżwalizzati fil-fehma li l-intimat

qabel ma telaq fi żmien bikri kien esprima ruħu fis-sens li kien sejjer l-Awstralia biex jara t-tfal, ammessa mil-istess rikorrent, kif fuq intqal. Barra min dana ġewwa d-dar residenzjali ta' l-intimat hawn Malta baqa, kif kien, fl-assenza tal-istess missieru (l-intimat) jgħix it-tifel tiegħu Luigi Muscat.

Illi ġie deċiż li jekk huwa veru li min jemigra għall-Awstralia għandu jiġi presunt li mar biex joqgħod permanentement jew għall-żmien twil, u mhux presumibili li jżomm post hawn Malta biex imur joqgħod fih jekk u meta jerġa lura (Vol. XXXVI P.I. p. 117), iżda ma jistax jiġi ritenut li l-emigrant li jitlaq minn Malta u jħalli fid-dar nies tal-familja, li jkunu minn żmien qabel joqogħdu miegħu, ikun abbanduna l-kera ta' dika d-dar, jew ikun tilef id-dritt li jibqa jżommha b'kera biex fiha jkomplu jgħammru dawk in-nies tal-familja li kienu joqgħodu miegħu (ara wkoll Appell erbatax (14) ta' Diċembru 1956 in re Gauci vs. Tabone noe. Vol XL paġ. 418).

Illi stabilit kwindi li l-intimat nonostanti li qiegħed l-Awstralia minn fejn għandu l-idea li jirritorna għadu l-kunduttur tad-dar in kwistjoni dina l-Qorti sejra tgħaddi l'quddiem biex teżamina l-kwistjoni.

Illi r-rikorrent, li huwa raġel inoltrat fl-eta għax għandu 82 sena u ma għadux għax naqsulu l-forzi jikkoltiva bħala gabilott l-artijiet li kellu fl-inħawi tal-Buskett fejn kien joqgħod f'razzett ma wieħed min uliedu, li għadu ġuvni, ċeda l-artijiet u r-razzett lill-ibnu li jgħammar miegħu u jrid jersaq lejn ir-Rabat ħdejn bintu miż-żewġa li toqgħod Piazza San Domenico, fl-istess Rabat sabiex din bintu tkun tista ddur bieħ u biex jieħu l-post in kwistjoni offra l-fond imsemmi bħala residenza alternativa lill-intimat. Mid-deskrizzjoni tal-periti tekniċi l-fond offert (ċioe

żewġt ikmamar ġewwa kerreja) huwa biċ-ċar inadatt tant bħala daqs kemm uukoll bħala tqassim u kundizzjoni ta' ambjent. Skond it-tifla tar-rikorrent Michelina Attard f'dawn il-kmamar offerti toqgħod waħda mit-tfal tar-rikorrent li naturalment jekk tiġi deċiża favorevolment għar-rikorrent dina l-proċedura, jkollha tivvakhom għall-intimat u tmur jew banda oħra jew mar-rikorrent fil-post in kwistjoni; imma jarġa jingħad li dawk l-ambjenti offerti huma "ictu oculu" inadatti u mhux sura.

Illi għalkemm dina l-Qorti tħoss li r-rikorrenti taħt iċ-ċirkostanzi għandu ġustifikatament raġuni biex jersaq minn fejn qiegħed joqgħod aktar viċin lejn ir-Rabat eppure għar-raġuni addotta mill-Bord tal-Kera, li dina l-Qorti tagħmel tagħha, l-hardship tiegħu jekk tiġi miċħuda t-talba tiegħu huwa anqas u iżgħar milli jkun dak ta' l-intimat jekk it-talba tar-rikorrenti tiġi milqugħa.

Għalhekk:

Tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza fuq imsemmija tal-Bord tal-Kera, bl-ispejjeż għar-rikorrenti.